# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 7 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Guramentat Nru. 261 / 14RGM**

**Kawza fil-lista: 23**

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

DIKJARAZZIONI TAL-FATTI

Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni extra-matrimonjali bejniethom, liema relazzjoni giet terminata f'Novembru tas-sena 2013, u illi minnha twieldu l-minuri Anson u Kira ahwa E, illi llum ghandhom 6 snin u 5 snin, rispettivament, skont ma jidher mic-Certifikati tat-Twelid relattivi;

Illi l-esponenti intavolat proceduri ta' medjazzjoni bit-tama illi l-partijiet setghu jilhqu ftehim dwar il-kwistjonijiet ta' kura, kustodja, access u manteniment tal-minuri, izda dan ma kienx possibbli minhabba n-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti tal-konvenut, illi attenda ghal tnejn biss minn total ta' 4 seduti;

Illi l-partijiet gew awtorizzati illi jipprocedu b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti li jgib in-numru 2344/14 (datat 17 ta' Ottubru 2014);

Illi prezentement il-minuri jghixu ma' l-attrici flimkien man-nanna materna, illi hija armla u tghix f'post mikri. L-istess nanna materna tghin lill-esponenti fit-trobbija tal-minuri billi tiehu hsiebhom matul il-hinijiet illi l-esponenti tkun ix-xoghol, u wkoll b'ghajnuna finanzjarja minn zmien ghal zmien u dan ghaliex, sa minn meta l-konvenut abbanduna r-residenza tal-partijiet, f'Dicembru 2013, huwa qatt ma ghen fit-trobbija tal-minuri lanqas matul il-perijodi ripetuti meta l-esponenti kienet rikoverata l-isptar minhabba incident illi kellha fuq il-post tax-xoghol fi Frar 2014 illi konsegwenza tieghu tilfet parti sostanzjali mid-dawl mill-ghajn tax-xellug;

Illi effettivament bejn Dicembru 2013 u Marzu 2014, il-konvenut kien jara lill-minuri biss okkazjonalment u b'mod ghal kollox irregolari tant illi kien hemm drabi illi cempel lill-esponenti sabiex tmur tigbor lit-tfal mir-residenza tieghu gewwa l-Mellieha anke fis-siegha ta' filghodu.

Eventwalment, wara Marzu 2014, il-konvenut tilef kull interess f'uliedu minuri, u mhux talli qatt ma jitlob illi jarahom, talli lanqas biss jikkomunika maghhom permezz tat-telefon;

Illi inoltre sa minn Dicembru tas-sena 2013 'l quddiem, il-konvenut qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment jew l-ispejjez tal-minuri, u lanqas ma ghamel ebda kontribuzzjoni fir-rigward tal-kontijiet pendenti ma' ARMS Limited u tar-ripagamenti tas-self illi kienu hadu l-partijiet in konnessjoni ma' proprjeta' illi ghandhom bejniethom il-partijiet, b'dan illi l-esponenti illi ma setghetx tlahhaq mar-ripagamenti wahedha, illum hija rassenjata illi din id-dar ser tispicca tinbiegh b'subasta hekk kif il-Bank jiehu l-proceduri relattivi;

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attrici.

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

Ghalhekk l-attrici qeghda taghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirregolarizza l-kwistjoni ta' kura, kustodja, access u manteniment tal-minuri Anson u Kira, ahwa E, ulied il-kontendenti;

C. TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant l-attici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-konvenut ighid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex: -

1. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Anson u Kira ahwa E esklussivament f’ idejn l-attrici, bid-dritt ta' access fil-konfront ta' l-ulied minuri

f'hinijiet fissi u stabbiliti illi jirrispekkjaw ukoll il-htigijiet u x-xewqat tal-minuri anke in vista tal-abbandun totali da parti ta' missierhom il-konvenut;

2. Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-ulied minuri Anson u Kira, ahwa E, pagabbli mill-konvenut lill-attrici, liema hlas ghandu, in vista tal-agir tal-konvenut, ikopri l-ispejjez kollha tal-minuri, kemm dawk giornalieri, u kif ukoll l-ispejjez ordinarji u straordinarji relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri sakemm dawn jaghlqu l-eta' maggorenni jew sal-eta' tat-23 sena f'kaz illi dawn, jew min minnhom jibqghu jistudjaw. Dan il-pagament ghandu jsir kull l-ewwel jum tax-xahar, bil-quddiem, direttament mill-employer tal-konvenut f'kont bankarju ta' l-attrici illi jigi minnha indikat ghal dan il-ghan u jigi mizjud minn sena ghal sena skont l-indici tal-inflazzioni mahrug mill-Gvern Malti;

3. In vista tan-nuqqas assolut ta' kooperazzjoni da parti tai-konvenut u n-nuqqas ta' interess totali tieghu fil-minuri, tawtorizza lill-esponenti sabiex titlob u tottjeni l-hrug ta' passaport ghall-minuri Anson u Kira ahwa E, minghajr il-htiega tal-kunsens jew awtorizzazzjoni tal-konvenut, u tawtorizza wkoll lill-esponenti sabiex issiefer bl-istess minuri ghal vaganzi ta' mhux aktar minn hmistax-il gurnata kull darba illi ma jikkonfliggux mal-impenni akkademici tal-minuri.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-proceduri ta' Medjazzjoni nurnru 70/14 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal registrat fs-seduta tal-11 ta’ Frar 2015, fejn il-konvent deher assistit, u gie rilevat li l-istess konvenut baqa’ kontumaci;

Rat d-digriet ta’ din il-Qorti tas-17 ta’ Dicembru 2014, li ordnat li ‘pendente lite’l-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta’ Euro 400 fix-xahar b’effett mid-19 ta’ Novembtu 2014, manteniment ghaz-zewg minuri Anson u Kira E, oltre nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha; li dan jizdied kull sena skont l-indici tal-hajja u li dan jitnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut u jithallas f’kont bankarju tal-attrici;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma nota ppresentata fis-27 ta’ Marzu 2015;

Rat r-rapport li l-attrici ghamlet fl-Ghassa tal-Puliija ta’ Zejtun fl-1 ta’ Dicembru 2013, fejn allegat vjolenza domestika meta giet aggredita mill-konvenut; dak tas-16 ta’ Jannar 2014 u dak tal-31 ta’ Marzu 2014;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta’ April 2015 fejn gie nominat bhala Assistant Giudizzjarju l-Avukat Dottor  Kennet Gulia;

Rat x-xhieda ta' Tereza Fabri ghall-Toly Products Limited, Audrey Ghigo, ghall-HSBC Malta plc, Joseph Caruana ghall-Bank of Valletta plc, Saviour Theuma ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, Ruben Bonnici ghall-Arms Limited u Joseph Saliba ghall-ETCli xehedu fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2015 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Kevin Vella, ghall-Malta Transfers, li xehed fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2015;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ppresentata fl-10 ta' Awissu 2016;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attrici,fl-affidavit taghha mahluf fis-27 ta' Marzu 2015, Fol 65 et seq, ddikjarat li ltaqghet mal-konvenut seba snin qabel cioe' fit-2008, xahar u nofs biss wara li ltaqghu kienet tqila bit-tifel Anson li illum ghandu sitt snin. Hi kienet toqghod ma' ommha, armla u ohtha, u wara sitt xhur li ltaqghu xtraw sehem ommha u ohtha mid-dar. Wara li nxtrat d-dar l-konvenut mar jghix maghha u ommha marret band'ohra. Hi tghid li l-konvenut kien jigdeb hafna maghha, kien jghidilha li kellu tarbija minn haddiehor, li ma kienx minnu u kienet ukoll qabditu jiehu d-drogi.

Hi kienet tahdem mat-Toly Products u giet redundant wara li twieled it-tifel l-kbir, Anson, mentri l-konvenut telaq mix-xoghol sena wara meta kellha lit-tifla Kira.

Kellhom inkwiet kbir dwar il-flus, ghamlu disa' xhur shah dipendenti mir-relief ta' Euro 100 fil-gimgha. Hi tghid li ftit li xejn kienet tara minn dawn il-flus, kienet tixtri l-affarjiet tal-hajja, pero' l-flus ma kienux jservuha u kienu jghinuha ommha u habiba taghha li kienu jixtrulhom affarjiet tal-ikel u nappies ghat-tfal.

Hi tghid li l-mitt Euro fil-gimgha il-konvenut kien jonfoqhom fuq il-kapricci tieghu, ghasafar u rettili. Kien jinqala' l-inkwiet bejniethom meta kien jiehu dawn l-animali d-dar meta t-tfal kienu jibku bil-guh. Kienet thossha umiljata ghall-ahhar tiddependi minn armla u habiba mentri missier uliedha ma kienx jaghti kaz, kien egoist wisq hsiebu biss fil-kaprricci u l-vizzji tieghu.

Billi spiccaw fi stat ta' faqar ma komplewx jhallsu l-loan tad-dar u l-kontijiet tas-servizzi, l-anqas kellhom flus biex jieklu. Il-konvenut baqa' jzied id-dejn f'dan iz-zmien meta t-tnejn kienu bla impieg. Kienet rat messaggi fuq i-mobile tieghu fejn kien jitlob lil shabu jisilfuh Euro 100 biex jixtri nappies ghat-tfal izda hu d-dar qatt ma kien jiehu flus. Kienet qatghet qalbha li targumenta mieghu, u kienu jghinuha biss ommha u l-hbieb.

Disa’ xhur wara li twieldet t-tifla, b’hafna diffikolta’, sabet xoghol f’Marzu 2010. Kien perjodu difficili ferm ghaliha anke billi kellha hafna giri bit-tifla li kienet twieldet ‘minghajr saqaf tal-halq’. Meta kienet qed tahdem hi u l-konvenut kien ghadu bla xoghol, hu ma kienx kapaci jiehu hsieb it-tfal li kienet tiehu hsiebhom ommha li kienet tghix f’post iehor. Wara li bdiet tahdem bdiet tiehu hsieb l-arretrati tal-Bank u tal-Arms Limited, kienet ukoll taghati xi haga tal-flus lilu billi kien ghadu bla xoghol, pero’ hu baqa’ bl-istess vizzju l-flus kien jonfoqhom fuq l-ghasafar u r-rettili.

Wara l-konvenut beda jahdem ma’ Cancu Supreme Travel, pero’ xorta wahda baqa’ qatt ma ikkontribwixxa xejn ghall-familja, anzi minn xahar ghal xahar kien jiddejjen l-paga mal-imghallem tieghu ‘ litteralment kien jonfoqha qabel jaqlaghha’. L-attrici tghid li hawn qatghet qalbha minnu, ma baqghetx targumenta mieghu ghax kien kollu ghal xejn u bdew jghixu ghar-rashom ghalkemm taht l-istess saqaf.

Ommha regghet marret tghix maghha u kienet tiehu hsieb it-tfal. Hu kien jahdem bil-lejl izda fil-hin liberu tieghu qatt ma ghin fit-trobbija tat-tfal. Kienet taghmel kollox omm l-attrici, kienet twassalhom u tigborhom mill-iskola, issajrilhom titmaghhom u tahsilhom. Kienet taghmel kull ma kellhom bzonn sakemm l-attrici tirritorna mx-xoghol. Hu kien qisu ma ghandu x’jaqsam xejn dejjem fil-kamra mal-ghasafar u r-reptiles.

L-attrici tghid ghamlu snin shah f’din il-hajja, hi kienet taqla’ xi Euro 800 fix-xahar li kienet tonfoq fuq il-familja u thallas xi kontijiet, mentri hu l-paga jzommha ghalih jew jiddejjinha. Ommha kienet tikkontribwixxi ghall-kwart ta’ kull xirja u kienet taghati lill-attrici Euro 100 fix-xahar ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Il-kontijiet ma kienux jkunu baxxi ghax hu kien jahli hafna dawl bil-heaters biex jzomm l-animali fis-shana.

L-attrici kkonfermat li f’Novembru 2013, anke mentalment bdiet thossha hafna ahjar, billi t-tfal bdew jitfarfru, ix-xoghol sar tal-fiss u rrealizzat li ma kien hemm l-ebda raguni ghalhiex kellha tibqa’ mal-konvenut. Finanzjarjament hu qatt ma ikkontribwixxa ghal xejn, bhala koppja ma kien baqa’ xejn bejniethom, u bhala missier l-konvenut kien kompletament assenti.

Fi zmien xahar, l-konvenut ‘qabad it-triq u telaq ‘l barra, qiesu qatt ma kien xejn’.

Bejn Dicembru 2013 u April 2014 l-konvenut kien jmur ghat-tfal fil-weekend, darba iva u darba le kif xtaq hu, pero’ t-tfal rarament ghamlu weekend shih mieghu. Hu beda jahseb li l-attrici, bla tfal tkun libera li tohrog u ghalhekk it-tfal kien jirritornhom qabel. Ma baqghax jmur ghat-tfal wara April 2014. Hi xorti

kienet tghid lit-tfal biex iccemplulu biex ikellmuh. Pero' hu kien iweggaghhom, kien jghidilhom li ma jhobbhomx jew li ghandhom 'daddy' gdid jsmu Etienne, il-boy friend tal-attrici. It-tfal kienu jkunu iddisappuntati u mdejjqa u ghalhekk hi ma baqghetx tinsisti li jcemplulu, u wara anqas minn sitt xhur il-konvenut sparixxa kompletament mill-hajja tat-tfal, qatt ma ghamel kuntatt maghhom la fil-birthdays l-anqas fil-Milied.

L-attrici tghid li l-konvenut qatt ma wera interess fit-tfal, anke fil-proceduri ta' medjazzjoni wera nuqqas ta' interess, attenda biss ghal zewg seduti. Hi ghalhekk qed titlob li tinghata l-kura u kustodja esklusiva tat-tfal, li tinghata l-permess jggib il-passaport tat-tfal minnghajr il-htiega tal-kunsens ta' missierhom, u li tibqa tithallas il-manteniment direttament mill-employer tal-konvenut u li dan ghandu jigi awmentat ghal Euro 225 fix-xahar kull wiehed b'dan li l-ispejjez ta' edikazzjoni u ta' sahha tat-tfal jkunu responsabilita' taghha biss.

Audrey Ghigo, ghall-HSBC Malta plc, Fol 119 ikkonfermat li partijiet kellhom xi kontijiet li nghalqu u li hemm Loan Account u hemm bilanc li hu dovut lill-Bank.

Joseph Caruana, ghall-Bank of Valletta plc, Fol 120 kkonferma li hemm kont f'isem l-attrici li sal-21 ta' Mejju 2015 kellu bilanc ta' Euro421.95, Dok JC1.

F'isem il-konvenut hemm kont, li sal-istess gurnata kellu bilanc ta' Euro1.31.

Saviour Theuma ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali Fol 121, ikkonferma li qed tithallas allowance ta' Euro 8.66 kull gimgha ghal kull wild, zewg ulied li jisimhom Anson u Kira.

Ruben Bonnici ,ghall-Arms Limited, Fol 121 ippresenta prospett, Dok RB2, li minnu jirrizulta li ghadu dovut lill-Arms Limited l-ammont ta' Euro 1394.84.

Joseph Saliba, ghall-ETC, ippresenta l-Employment History tal-konvenut, Dok JS1, Fol 143 u 144. L-ahhar impieg tieghu hu ta' driver mal-Malta Tansfers.com Limited.

Kevin Vella, Direttur ta' din l-kumpanija, xehed fl-24 ta' Gunju 2015, Fol 131u ppresenta, Dok KV1 Engagement Form Fol 133 u Dok KV2, Fol 134, Pay Slip tal-konvenut, mill-31ta' Mejju 2015 sat-13 ta' Gunju 2015, li turi li l-konvenut rceva gross l-ammont ta' Euro 452.58 u net l-ammont ta' Euro 398.32 cioe' circa Euro 800 fix-xahar.

L-attrici ukoll ikkonfermat, Fol 67 li mill-impieg taghha iddahhal madwar Euro 800 fix-xahar.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-provedimenti fil-Kodici Civili dwar d-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:

Artikolu 7.

(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu,ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B.

Artikolu 19.

(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel. L-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.

(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

Artikolu 20.

(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xorta ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.

(3) Meta jitqiesu il-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm imobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.

(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persina ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew imobbli kif ukoll ta' kull interess beneficjarju that trust.

Il-partijiet , genituri taz-zewg minuri, m'humiex mizzewgin. Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genitura huma mizzewgin lil xulxin, sew jekk le.

Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin, partikolarment l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Angela Conti vs Lawrence Bonnici**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 gie dikjarat li :

" Wiehed l-ewwel nett ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti biex tiffissa hlas ta' manteniment, l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli tal-ligi fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Catherine Mifsud vs Louis Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 gie dikjarat li:

" Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn( l-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment jkun dovut skont il-bzonnta' min qed jitolbu). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi ffissat skont il-mezzi ta' min huwa obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita' tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu."

Billi l-konvenut ghamel xi zmien ma jahdimx issir referenza partikolari ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru 1990 fil-kawza fl-ismijiet "**Jane Camilleri pro te noe vs Carmelo Camilleri**" fejn ntqal li:

" Il-ligi titlob li l-manteniment ghandu jinghata skont il-qlieh tar-ragel u l-utili tieghu, pero' dan ma jistax jigi interpretat b'mod li r-ragel jista' meta jrid jirrezenja mix-xoghol bla raguni gustifikata u jhalli lill-familja bla ma jipprovdi ghaliha".

**MANTENIMENT**.

B'Digriet tas-17 ta' Dicembru 2014, Fol 61 din l-Qorti ordnat li 'pendente lite' l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaz-zewg ulied fl-ammont ta' Euro 400 fix-xahar, kif ukoll nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri; li dan jizdied kull sena skont l-Indici tal-Inflazzjoni; u li jithallas direttament mis-salarju tal-konvenut f'kont bankarju tal-attrici.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici, Fol 160 ipproponiet li l-manteniment jizdied b'Euro 25 fix-xahar ghal kulL wild biex dan jkun jinkludi sehem il-konvenut minn nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-ulied, u b'dan il-mod jigu evitati kontestazzjonijiet mill-partijiet dwar il-kwantum ta' dawn l-ispejjez li naturalment jistghu jvarjaw min zmien ghl zmien.

Fic-cirkostanzi partikolari, din t-talba tal-attrici tirrizulta gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

**KURA U KUSTODJA**.

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri rrizulta mill-provi li l-konvenut l-anqas baqa' jikkomunika mal-minuri, mqarr bit-telephone la fil-Milied u l-anqas fil-birthday taghhom. Hu tilef kull interess fihom tant li l-anqas ghadu jezercita d-dritt tieghu tal-access. It-tfal rabbiethom l-attrici ommhom b'sagrificji kbar bl-ghajnuna konsiderevoli ta' ommha u meta kellha bzonn il-flus bl-ghajnuna ta' xi hbieb ukoll.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Darmanin vs Annalise Cassar**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal li:

"…meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet 'ut sic'izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri".

F'dan l-kaz ma hemm assolutament l-ebda dubbju li l-ahjar interess tal-minuri hu li jibqghu jghixu kif min dejjem ghamlu ma' ommhom u n-nanna maternal taghhom. It-tfal trabbew minn ommhom, bl-ghajnuna ta' ommha, il-konvenut missierhom la qatt wera interess f'uliedu u qatt ma ippartecipa f'xejn f'hajjiethom. Hu kien passiv ghall-ahhar, kompletament indifferenti mill-htigijiet u l-esigenzi ta' uliedu. Tant li l-anqas biss ikkontesta t-talbiet attrici.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Anson u Kira ahwa E tkun fdata esklusivament favur l-attrici ommhom.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin ewro (€225) kull xahar ghal kull wild, ammont li jkopri ukoll sehemu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-ulied, li joghola kull sena skont l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern u jitallas direttament mill-employer tal-konvenut mis-salarju tieghu f'kont bankarju intestat f'isem l-attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tawtorizza lill-attrici li wahedha titlob u totjeni l-hrug ta' passaport ghall-minuri Anson u Kira minghajr il-kunsens jew

awtorizazzjoni tal-konvenut u li l-istess attrici tkun awtorizzata issiefer mal-minuri uliedha minghajr il-htiega tal-kunsens tal-missier.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**